Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 175/2015

Il-Pulizja

Spettur Godwin Scerri

Vs

David Farrugia

Illum 26 ta' Mejju, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant David Farrugia detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 74874M akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

1) Nhar l-4 ta' Jannar 2014 ghal habta tal-10.45hrs ta filghaxija gewwa Xatt l-Ghassara fil-Marsa, volontarjament ikkaguna, hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jwe immobbli u cioe diversi oggetti u hwejjeg, liema hsara tiskorri l-valur ta' €1,164.69 ghaddannu ta' Carmine Di Cicco;

2) Aktar talli fl-istes data, hin u cirkostanzi, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Carmine Di Cicco f'periklu car, ikkagunalu hsara fil-gisem jew fis-sahha, liema hsara hija ta' natura hafifa;

3) Bl-imgieba tieghu ikkaguna lil Nathalie Farrugia, biza' li ser tintuza vjolenza kontriha, meta kien jaf jew missu kien jaf li dik l-imgieba tieghu se tikkaguna biza; 4) Aktar talli ingurja u/jew hedded lil martu Nathalie Farrugia, b'ingurji jew theddid mhux imsemmijin band' ohra f'dan il- kodici, anke jekk kien ipprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti talprovokazzjoni;

5) Aktar talli volontarjament kiser il- bon ordni jew il-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tas-26 ta' Marzu, 2015, fejn il-Qorti wara li rat l- Artikoli 325(1)(a), 221, 251B, 339(1)(e) u 338(dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti ma ssibx lill-imputat hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi u ghaldaqstant illiberatu minnhom. Sabithu hati tal-ewwel (1), it-tieni (2) u l-hames (5) akkuzi u ghaldaqstant illiberatu bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn ai terminu tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal sentejn favur Nathalie Farrugia u Carmine Di Cicco ai terminu tal-Artikolu 412 C tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

Rat ir-rikors tal-appell ta' David Farrugia, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-8 ta' April, 2015, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti, tbiddel is-sentenza appellata billi:

i) Tikkonferma fejn l-ewwel Qorti lliberat lir-rikorrenti mit-tielet u r-raba imputazzjoni u

ii) Tillibera lill-appellant mill-ewwel, it-tieni u l-hames imputazzjoni.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant David Farrugia huma s-segwenti w cioe':-

L-aggravju tar-rikorrent huwa li l-prosekuzzjoni bix-xhieda li tellghet, il-Qorti tal-Magistrati ma setghet issib htija fir-rikorrent minhabba l-fatt li l-prosekuzzjoni ma ppruvatx il-kaz taghha lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni kif ser jigi spjegat aktar fid-dettal f'dan l-appell. Ghaldaqstant, l-aggravji huma cari u manifesti kemm fil-fatt u fid-dritt u jirrizultaw aktar minn nuqqas ta' provi li ressqet il-prosekuzzjoni.

L-ewwel Aggravju

Illi l-ewwel Qorti sabet htija li l-appellant ikkommetta hsarat ta' l'fuq minn elf ewro dwar hsarat fuq il-vettura tal-ghamla Land Rover bin-numru LCN352, arlogg Rolex u nuccali.

Illi skond ir-rapport li sar mal-Pulizija il-hsarat li garrab ir-Rolex u kif ukoll in-nuccali ma gewx rrapurtati lill-Pulizija a tempo vergine u kif ukoll l-anqas wara l-incident. Fix-xhieda taghha Nathalie Farrugia l-anqas biss semmiet li nkiser l-arlogg Rolex. Issa hawnhekk qeghdin insemmu arlogg tal-ghamla Rolex li zgur li mhux xi arlogg komuni li wiehed jinsa jirraporta lill-Pulizija jew isemmi fix-xhieda. Kif ukoll ghalkemm Nathalie Farrugia fix-xhieda taghha tenniet li gabret l-affarjiet li nkisru wiehed isaqsi kif ma gewx esebiti fil-proceduri jew tal-anqas gew iffotografati biex jaghmlu bhala l-aqwa prova.

Illi f'dawn il-proceduri ma gew esebiti l-ebda oggetti u kif ukoll l-anqas biss gew rapprutati lill-Pulizija ghaldaqstant ma hemmx pruvat li l-appellant ikkommeta xi hsarat fuq dawn l-oggetti. Gew esebiti biss stimi imma ma hemm l-ebda prova li l-hsarat imsemmija fl-istimi sehhew mill-appellant.

Illi dwar il-hsarat fil-vettura, is-surgent tal-Pulizija li mar fuq il-post kull ma nnota hsara fuq il-bumper ta' quddiem in-naha tax-xellug u ma hemm l-ebda indikazzjoni li din saret mill-appellant. Meta wiehed jifli x-xhieda ta' Nathalie Farrugia, din fix-

xhieda taghha tenniet li 'Missew il-karozzi flimkien imma ma missewx b'dak it-tali mod li jkun hemm l-impatt tad-daqqa'.

Illi l-hsara li kellha l-Land Rover ma hemm l-ebda indikazzjoni li din saret mill-appellant. Dwar il-hgiega din inkisret accidentalment meta l-appellant ma izomm mghha waqt li kien niezel mal-art.

It-Tieni Aggravju

Illi dwar l-offizi li sofra Carmine Di Cicco, l-appellant ma jichadx li dawn l-offizi ta' natura hafifa ghamilhom hu imm dawn twettqu meta kien qieghed jiddefendi lilu nnifsu mill-attakk vjolenti u sabiex jinqala minn taht Carmine Di Cicco.

Illi l-appellant qieghed iqajjem din id-difiza ta' legittima difeza kif ikkontemplata fl-Artikolu 224 tal-Kap 9. Illi kif huwa ben saput, il-gustifikazzjoni ghall-legittima difesa tirrizulta meta persuna tilqa' b'forza l-vjolenza jew aggressivita' ta' persuna ohra diretta lejha jew lejn terzi, kontra liema persuna hekk aggressiva l-agir tad-difensur imputat huwa dirett. Fil-fatt l-Artikolu 223 tal-Ligijiet ta' Malta, jghid: 'Ma hemmx reat meta omicjidju jew offiza fuq il-persuna huma ordnati jew permessi mill-ligi jew mill-awtorita' legittima, jew mehtiega mill-bzonn attwali tad-difiza legittima ta' wiehed innifsu jew ta' haddiehor.'

Illi jigi rilevat li d-dritt tal-legittima difeza jitwieled u huwa konsegwenza naturali mid-dritt fundamentali ta' kull bniedem li jipprotegi lilu nnifsu minn xi aggressjoni jew dannu anke bl-uzu ta' forza. Izda l-ligi timponi certi kundizzjonijiet biex din l-eccezzjoni tigi milqugha, cioe' it-theddid ta' xi aggressjoni jew dannu jew perikolu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara rreparabbli lid-difensur jigifieri hsara jew offizi fil-hajja, gisem u/jew partijiet tal-gisem tad-difensur. Vuoldieri li dak li ghamle l-imputat, ghamlu, peress li f'dak il-mument u cioe' fl-istat mentali li kien ma setghax jevita l-perikolu li setgha rrizulta bl-agir tal-agressur salv b'dak li ghamel l-imputat. Ghalhekk, kif jghid il-Professur Mamo, il-perikolu

ghandu jkun attwali, istantaneo u assolut u b'hekk mhux perikolu premeditat. Il-Professur Mamo jghid:

*'The danger against which the accused reacted should be viewed not necessarily as it was in truth and in fact, but rather as the accused saw it at the time.'*

Illi wiehed irid ipoggi lilu nnifsu fil-posizzjoni li jkun fiha l-imputat kemm mentalment kif ukoll fizikament, fil-mument meta l-istess imputat agixxa ghar-reazzjoni li kien infaccjat biha, u cioe' l-hsieb tieghu li kien ser jigi aggredit. Huwa importanti li l-perikolu jkun attwali mhux imminenti kif jghid u jispjega Antolisei:

*"Occorre infine che l'aggressore abbia creato per il direttopreso di mira un pericolo attuale. Il codice Zanardelli parlava di pericolo 'imminente' dando luogo a molte incertezze. Con la nuova formula (pericolo attuale) si e voluta porre in rileva che la situazione pericolosa deve esistere nel momento del fatto. Periocolo attuale e il pericolo presente' (Manuale di Diritto Penale - Parte Generale - pg. 261).'*

Illi fis-sentenza Il-Pulizija vs Toni Micallef - Vol XXIX pv iv pg. 734, deciza fis-16 ta' Ottubru, 1937, il-Qorti qalet sabiex jissussisti l-legittima difesa hemm bzonn li wiehed ikun agixxa biex jirrespingi xi hsara li kienet sejra ssir fuq il-persuna tieghu minn perikolu mminenti ta' aggressjoni; liema aggrassjoni trid tkun ingustqa, gravi u inevitabbli.

Din tkun ukoll il-linja mehuda fil-gurisprudenza taljana kif konfermata f'sentenza moghtija mill-Corte di Cassazione di Roma tal-25 ta' Frar, 1978 (Analizi della Gurisprudenza Italiana (1878) Parte Penale – pg. 56) *"Che difatto, a costruire lo stato di legittima difesa nell' agente, e mesteri che questo si trova sotta l'attuale minaccia d'un male ingiusto, grave ed inevitabile."*

Illi f'dan ir-rigward, il-ligi Skocciza hija simili hafna, fil-fatt kif gie deciz fl-HM Advocate vs Kizileviczius 1983 JC (A Casebook of Scottish Law) pg. 347 – li: *"To reach the firsty result, that is to say the result of complete acquitall, you must be satisfired of two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension, he must have had*

*reasonable grounds for apprehension for his won safety, and his alarm must have satisfied two things. The first of these is that the accused was in imminent and immediate danger of his own life, he must have had reasonable grounds for apprehension for his own safety, and his alarm must have been well founded and there must have been no other means of escaping form the danger to which he was subjected. The second point that you must be satisfied that the means which he took to overcome the assaults were necessary."*

Ghalhekk sabiex jissussisti d-difiza ta' legittima difesa jrid ikun hemm dawn it-tlett elementi li l-aggressjoni tkun ingusta, gravi u inevitabbli. Rigward l-ewwel element u cioe' li l-aggressjoni trid tkun ingusta, mhuwiex necessarju li jkun hemm vjolenza ghaliex il-Kodici jitratta biss fuq 'offiza'. Skond Antolisei *'l'oggetto dell'attacco deve essere un diritto'.* Rigward il-gravita o meno tal-azzjoni, Manzini fil-ktieb tieghu Trattato di Diritto Penale (parte generale pg. 358) jghid: *'La gustificante dell articolo 52* (which corresponds to our Sec. 223) *non e affatto condizionale alla irreparabilita' del danno richiede soltanto che condizionale alla irreparabilita' del danno ma richiede soltanto che siavi un pericolo attuale e' d'ingiusta attesa'.*

Illi l-Professur Mamo jghid:

*'The act of defence must have been done only in order to avoid consequences which, if they had followed would have inflicted upone the person 'irreparable' evil and the law consideres as 'irreparable' and consequently gave, that evil which threatens the life, the limbs, the body or the chastitiy of an indicidual. The gravity of the aggression must be understood in relation to the defensive reaction and to the means at the disposal of the agent.'*

Illi dwar il-kwistjoni tal-inevitabliltia' fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-hmistax ta' Frar, 1958 fl-ismijiet il-Pulizija vs Emily Zarb, il-Qorti tenniet li fost l-elementi li huwma mehtiega biex tigi akkrodata l-iskriminanti tal-legittima difesa hemm l-fattur tal-inevitabilita', u minghajr il-konkors ta' dan il-fattur ma jistghax jighata din l-iskriminanti. Infatti f'analizi della Gurisprudenza Italiana (pt. 4, pg. 32 – Roma – 25/01/1898) gie deciz li: *'Per averci la legittima difesa non basta che vi sia il grave ed imminente pericolo della persona, ma e anche necessario che essa non posa evitarsi in altro mod che col ferire ed uccidere l'aggressore.'*

Illi sabiex il-perikolu jfisser 'situazione inevitabile', il-perikolu jrid ikun 'sudden' u cioe' li l-imputata ma kienx jaf bil-perikolu ghaliex f'kaz li l-perikolu kien anticipat b'certezza, ma kienx ikun hemm legittima difesa izda provokazzjoni. Irid ikun attwali u cioe' li l-aggressjoni tkun diretta lejn il-vittma necessitas est lex. Fil-fatt gie deciz fis-sentenza il-Pulizija vs Joseph Micallef (Vol. XXXIX pg.1072) li:

*'Id-dispozizzjoni tal-ligi li tiskuza lill min jikkaguna offiza lill-persuna ohra in difesa tal-propjeta' tal-feritur tirrikjedi li l-azzjoni, biex tkun skuzabbli ghandha tizvolgi ruhha dak il-mument stess li tkun qieghda tigi nvaza l-propjeta' u in difesa attwali taghha';*

Illi fil-fatt Canofari, il-Commentario al Codice Penali delle Due Sicilie (pg. 204 – lib 11 – titole VII) dwar l-artikolu 373 tal-Codice delle Due Sicile li jikkorrispondi ghall-Artikolu 223 tal-Kap 9, jghid:

*'La lette e protettrice della difesa private non della private vendetta; ella protégé le impulsioni della natura nei moment della necessita a del periglio, non gli eccessi. Protegge il diritto, non il reato'* L-aggressjoni trid tkun assoluta cioe' kif jghid il-Carrara (pg. 209-306 Programma): '*Cioe che nel momento stesso del pericolo non posso questo declinarsi con altri mezzi innocent. Tali mezzi si riducono alle preghriere, all' acclamazione della fuga.'*

Illi r-rikorrent meta wiehed jifli x-xhieda tieghu, Carmine Di Cicco hareg mill-karozza sabiex jattakka lill-appellant fejn Carmine Di Cicco qabad idejn ix-xellugija tal-appellant riwijielu lura u kif ukoll fl-istess hin qabdu minn ghonqu. Sabiex jipprova jinqala, l-appellant b'idejh il-leminijia prova jimbotta lil Carmine di Cicco minn wiccu u ghalhekk Carmine sofra offizi ta' natura hafifa fuq wiccu.

Illi dan l-attak fuq l-appellant kien ghalxejn ghax huwa resaq lejn il-vettura sabiex isaqsi lill-mara fejn huwa t-tifel li kellu jigbor la darba ma rahx fil-vettura maghhom. Kif ukoll huwa habbat fuq il-hgiega minhabba l-fatt kien qieghed jigi injorat kompletament. Ghaldaqstant minhabba r-ragunijiet migjuba f'dan ir-rikors, din l-Onorabbli Qorti ghandha tillibera lill-appellant minn din l-imputazzjoni minhabba l-fatti li l-offizi hfief saru waqt li l-appellant kien qieghed jiddefendi lilu nnifsu.

Ikkunsidrat,

Illi dan huwa appell intavolat mill-appellanti fejn iressaq l-impunjattiva tieghu fuq zewg binarji. Fl-ewwel lok jishaq illi l-Ewwel Qorti qatt ma setghet issib htija dwar l-akkuza tal-hsara volontarja ikkagjonata fuq il-proprjeta tal-parti leza billi fl-ewwel lok in kwantu jirrigwarda l-hsara fuq l-arlogg u in-nuccali, dawn lanqas ma gew irrapportati lill-pulizija *a tempo vergine* u inkwantu jirrigwarda l-hsara fuq il-vettura, din hija michuda minnu billi matul il-konfront li inqala' bejnu u l-parti leza Di Cicco, huwa qatt ma kien fuq in-naha tal-vettura fejn allegatament giet irrappurtata din il-hsara. Illi fir-rigward tas-sejbien ta' htija ghar-reat ta'l-offiza ta' natura hafifa fuq l-persuna ta' Di Cicco, l-appellanti jishaq illi dan kien kaz ta' legittima difeza billi l-feriti gew ikkagjonati minnu meta huwa kien qed jilqa' ghall-aggressjoni diretta lejh mill-imsemmi Di Cicco.

Ikkunsidrat,

Illi l-aggravvji imressqa mill-appellanti essenjalment iduru madwar l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha. Dan ghaliex il-verzjonijiet moghtija mill-parti leza u Nathalie Farrugia huma kontrastanti ma' dak mistqarr mill-appellanti kemm fl-istqarrija rilaxxjata minnu lill-pulizija *a tempo vergine*, kif ukoll meta jixhed fil-Qorti. Illi l-Ewwel Qorti ghazlet li taghti kredibilita' u affidabilita' lil-verzjoni tal-parti leza meta allura qieset illi l-hsara ikkagjonata fil-vettura u l-propejta tal-parti leza kien jahti ghaliha l-appellanti. Kif ukoll emmnet lill-parti leza dwar il-griehi ikkagjonati mill-appellanti fuqu meta allura skartat dak allegat mill-appellanti li huwa kien sofra xi aggressjoni minn naha tal-parti leza u allura l-griehi kagjonati kienu bhala twegiba ghal din l-aggressjoni.

Illi kif mistqarr diversi drabi mill-qrati taghna, qorti ta' revizjoni qajla tqanqal l-apprezzament li ikun gie maghmul mill-Ewwel Qorti tal-provi billi necessarjament dik il-Qorti tkun f'qaghda ahjar li twiezen l-komportament tax-xhieda li ikunu iddeponew quddiemha, haga li din il-Qorti ma kellhiex ix-xorti li taghmel. Illi huwa biss meta tali apprezament ikun wiehed erronji kemm fuq bazi legali kif ukoll fuq bazi fattwali u cioe' meta l-gudikant li f'idejh huwa rimess il-gudizzju ma setax la

ragjonevolment u lanqas legalment jasal biex jaghmel tali apprezament illi din il-Qorti allura ghandha tiddisturbaha.

Illi ghalhekk, "kif dejjem gie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-gudizzju taghha ghal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta ta' apprezzament tal-fatti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konkluzzjoni li tkun waslet ghaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rrizultawlha setghetx tasal ghaliha fuq bazi ta' ligi w ta' ragjonevolezza. Fi kliem iehor tara jekk dik il-konkluzzjoni kienetx *wahda "safe and satisfactory"* fid-dawl tar-rizultanzi. (Ara. App. Krim. **"Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et"** [12.5.94] ; **"Il-Pulizija vs. Emmanuel Mifsud"** [11.7.94]; **"Il-Pulizija vs. Joseph Zahra"** [10.5.2002] u ohrajn)[1]"

Illi din il-Qorti fliet l-atti nprocesswali kollha u tistqarr minnufih illi ma tara l-ebda mottiv li jista iwassalha tvarja l-konkluzjonijiet raggunti mill-Ewwel Qorti. Illi f'dak li jirrigwarda l-ewwel aggravvju imressaq mill-appellanti marbut mal-hsara volontarja u cioe' l-ewwel akkuza dedotta kontra tieghu, ghalkemm huwa minnu illi l-*parti leza a tempo vergine* ma kenitx semmiet il-hsara ikkagjonati fin-nuccali u l-arlogg u ghalkemm huwa minnu ukoll illi dawn l-oggetti la gew iffotografati u lanqas esebieti sabiex il-Qorti tkun f'posizzjoni tikkonstata din il-hsara, madanakollu mill-*invoice* esebieta in atti, immarkata bhala Dokument SC1 esebeita a fol. 39 tal-process, jirrizulta illi l-hsara fil-vettura kienet tammonta ghal €1268.64. Illi allura anke jekk *gratia argomenti* din il-Qorti kellha taghti ragun lill-appellanti dwar il-hsara fl-arlogg u in-nuccali u tiskarta din l-allegazjoni maghmula mill-parti leza, madanakollu il-hsara fil-vettura hija wahda li tizboq l-ammont ta' €1164.69, u cioe' dik prevista fl-artikolu 325(1)(a) tal-Kodici Kriminalli u dan qabel l-emendi li gew fis-sehh permezz ta'l-Att XXIV tal-2014. Illi stabbilit illi l-apprezzament maghmul mill-Ewwel Qorti dwar ir-reita ta'l-appellanti ghall-ewwel akkuza mhux ser jigi iddisturbat billi din il-Qorti ukoll bhal-ewwel Qorti jidhrilha illi kien l-appellanti li avvicina l-vettura tal-parti leza b'mod aggressiv u beda jaghti daqqiet fuqha tant illi

[1] Il-Pulizija vs Noel Buhagiar – App. Krim 10/04/2008

anke spicca kisser hgiega, allura din l-ewwel akkuza tirrizulta ippruvata. Din il-Qorti tistqarr li l-appellanti ma jistax jitwemmen meta ighid illi kien l-parti leza li minghajr l-ebda mottiv nizel ghalih mill-vettura u immedjatament dawwarlu idejh wara daru u aggredieh minghajr dan lanqas biss kellmu! Kif lanqas jitwemmen l-appellanti meta ighid illi sofra diversi griehi minghajr ma iressaq certifikati medici in konnessjoni ma'l-istess u lanqas iressaq xi tabib li invistah u iccertifika dawn il-griehi. Il-provi li iressaq l-appellanti huma wisq fjakki sabiex din il-Qorti tista taghtih xi affidabilita' billi dawn ma jilhuqx il-grad tal-prova mistennija minnu skont il-ligi.

Premess allura li din il-Qorti mhijiex ser tiddisturba l-apprezzament ta'l-Ewwel Qorti tal-provi migjuba quddiemha, kwindi dan ifisser illi lanqas it-tieni aggravvju imressaq mill-appellanti ma jisthoqqlu akkoljiment. Illi l-appellanti jissolleva l-iskriminanti tal-legittima difeza. Issa sabiex din il-Qorti tasal biex tqies dina id-difiza, triq necessarjament taghti affidiabilita' lix-xhieda tieghu, li kif inghad ma hux possibbli fid-dawl tal-provi imressqa minnu. Illi allura billi kien l-appellanti li ipprecipita l-konfront bejnu u bejn Di Cicco, huwa ma jistax isib konfort f'din l-iskriminanti. Gjaldarba l-verzjoni tal-parti leza qed tigi emmnuta u allura jirrizulta illi kien l-appellanti li hareg mil-vettura tieghu u avvicina il-vettura tal-parti leza, beda jaghtiha bis-sieq u imbaghad mar fejn kien hemm martu bil-qieghda u kisser il-hgiega tal-bieba u aggredieha, tant illi Di Cicco imbaghad intervjena biex iwaqqaf din l-agressjoni, mhuwiex minnu dak allegat mill-appellanti illi huwa ikkaguna il-feriti fuq il-parti leza sabiex jiddefendi ruhu minn xi aggressjoni meta kief inghad, kien huwa stess li ipprecipita dan il-konfront.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija vs Joseph Psaila deciza fl-20 ta' Jannar 1995 inghad:

*"Sabiex id-difiza tal-legittima difiza tigi invokata b'success, il-ligi timponi certi kundizzjonijiet. Cjoe' theddid ta' xi agressjoni jew dannu jrid ikun ingust, gravi u inevitabbli. Id-difiza trid tkun saret biex jigu evitati konsegwenzi li jekk jaffettwaw ruhhom jikkagunaw hsara irreparabbli kif ukoll biex jigi evitat perikolu*

***li ma setax jigi evitat b'xi mod iehor. Jigifieri l-periklu ghandu jkun attwali, istantanju u assolut u ma jridx ikun xi perikolu anticipat, ghax dan jista' jaghti lok biss ghall-provokazzjoni u mhux difiza legittima."***

Illi l-Qorti tqis illi dana kien kaz ta' perikolu mhux biss anticipat izda li kien ikkagjonat interament mill-appellanti stess bl-imgieba tieghu ta' rabbja diretta lejn martu u dan in konnessjoni mal-problemi matrimonjali insorti bejniethom u disgwid dwar binhom minuri Matthew.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata ikkonfermata.

(ft) Edwina Grima

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur